# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu, 2019

**Rikors Numru : 406/2018 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**CS**

**U**

**MJB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat u kongunt ta' CS u MJB datat 7 ta' Settembru, 2018 li jaqra hekk:

1. *Illi l-sponenti zzewwgu nhar l-1 ta' Frar 1997 – skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala DOK A – u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, u cjoe' AB, li twieled nhat it-12 ta' Gunju 1997, u AYB, li twieldet nhar it-2 ta' Frar 2003;*

2. *Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-*atti tan-Nutar Dottor Charlene Mifsud *tal-31 ta' Lulju 2015 – li kopja legali tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK B – l-esponenti sseparaw legalment taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm imfissra;*

3. *Illi l-esponenti kienu ilhom ma jghixux flimkien ghal madwar sentejn qabel l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, ossija sa mill-2013, u ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;*

4. *Illi l-esponent MJB ihallas il-manteniment kollu li hu dovut minnu, skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-istess imsemmi kuntratt, b'mod regolari u puntwali, u ghalhekk ma hemm l-ebda kwistjoni pendenti f'dan ir-rigward bejn l-esponenti;*

5. *Illi, ghalhekk, fil-fehma umli tal-esponenti, l-kondizzjonijiet kollha mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huma sodisfatti u, in vista tal-fatt illi l-esponenti huma gja separati permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;*

   *Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq imsemmija, l-esponenti jitolbu umilment u bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

   1. *Tippronunzja, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civilvi (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), il-hall taz-zwieg tal-1 ta' Frar 1997 ta' bejn l-esponenti, ghal finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi;*

   2. *Tordna, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodici Civilvi (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), lir-Registratur tal-Qorti sabiex, f'dak iz-zmien li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-kontendenti sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**CS** xehdet a fol 26 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Frar 1997 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fil-31 ta' Lulju 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt 'itfal. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u cioe mill-2013, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MJB** xehed a fol 18 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda ta' CS.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.[...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom,***

*kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-1 ta' Frar, 1997 (Vide Dok. A a fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewg ulied;

Il-Qorti rat illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta kundratt redatt min-Nutar Dottor Charlene Mifsud, datat 31 ta' Lulju, 2015 (Vide Dok.B a fol 5 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**L-ispejjez ghandhom jibqu' minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**